



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9813/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0175 (NLE)

ACP 67
FIN 602

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/....

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar
tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE
li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4)
tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE² ('id-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali'), huwa għandu jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2022.
- (2) Skont l-Artikolu 95(4), l-ewwel subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-"Ftehim il-ġdid") tnedew f'Settembru 2018. Il-Ftehim il-ġdid mhux se jkun lest biex jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2022, id-data tal-iskadenza tal-qfas leġali attwali. Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar il-miżuri tranżizzjonali sabiex tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (3) L-Artikolu 95(4), it-tieni subparagrafu, tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ.

¹ (ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3) Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L287, 4.11.2010, p 3).

² Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1.2020, p. 3).

- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, , fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE¹. Għaldaqstant huwa l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li għandu jemenda l-miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, peress li l-att previst ser jorbot lill-Unjoni.
- (6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE se jibqgħu jiġu applikati bil-għan li tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet ta' bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumiex maħsuba bħala emendi għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 146, 5.6.2019, p. 114).

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehi ta' Sħubija AKP-UE, għandha tkun li tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2023, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati tal-AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għandhom jiġu applikati f'konformità mal-mira u l-għan tal-Artikolu 95(4) tiegħu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
